MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2005

Numru 943/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Cordina**

**V**

**ANTHONY DOWLING**

**Seduta ta' llum 29 ta’ Novembru 2005**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ANTHONY DOWLING** ta’ tmienja w erbghin sena bin Charles u Mary nee Schembri, imwieled San Pawl il-Bahar nhar t-tletin ta' Mejju 1959 u residenti 'Venus Flats', Flat 1, Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar, detentur ta' karta tal-identita numru 428052M gie mressaq quddiemha akkuzat talli matul l-ewwel ta' Jannar 1999 sas-sena 2003, f’dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, wara li fil-kapacita

tieghu ta' Direttur tas-socjeta Caymania Company Limited [Company No C22906] approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra s-somma ta' LM 38,140.03 migbura mis-socjeta bhala dhul f'taxxa dovuta lil Gvern ta' Malta, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht t-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu.

Talli sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar l-ghaxra ta' Lulju 2003 u nhar d-disgha w ghoxrin ta' Jannar 2004.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-letter to prosecute mahruga mid-Dipartiment tal-VAT sabiex jigu inizjati proceduri fil-konfront tal-imputat odjern ai termini tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta esibita a fol 23 et seq tal-atti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tat-tnax ta' Ottubru 2005, meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 14 et seq tal-atti odjerni, minn fejn jirrizulta li l-imputat ghandu fedina penali lil tikkonsisti f’sitt faccati b’diversi reati u kontravenzjonijiet registrati fuqha fosthom kontravenzjonijiet kontra l-Ordinanza tat-Traffiku, evazjoni ta’ dazju, haddem nies bla permess, serq ta’ kurrent elettriku, fejn inghata multi u probations, pero nonostante

dan l-imputat jidher li ma tghallimx minn dawn l-esperjenzi u jinsab ghal darb'ohra quddiem il-Qorti akkuzat bir-reati odjerni.

Illi minn naha l-ohra pero, jirrizulta li l-impuat qed ihallas somma flus dovuta lil VAT Department u cioe qed jonora l-ftehim milhuq minnu kif jirrizulta minn dak li gie verbalizzat fl-atti fis-seduta tat-tnax ta' Ottubru 2005.

Dwar il-piena, il-Qorti thoss li l-piena idoneja f'dan il-kaz kellha tkun dik ta' prigunerija sospiza sabiex isservi bhala mannara fuq ras l-imputat sabiex izomm 'l boghod mill-hajja kriminali, pero peress li din il-Qorti qed ssibu hati talli huwa recidiv, hija ma tistax timponi tali piena.

Minn naha l-ohra, minhabba c-cirkostanzi u cioe li l-imputat ghandu dejn kbir mad-Dipartiment tal-VAT, ma thossx li huwa opportun li timponi multa fuqu u b'hekk tkompli tghakkes lil imputat b'mod finanzjarju.

Peress li l-imputat wasal fi ftehim mad-Dipartiment tal-VAT u qed jonora tali ftehim b'pagament mensili ta' hames mitt lira, il-Qorti thoss li jekk timponi piena karcerarja, dan il-ftehim ma jkunx jista jigi aktar onorat w ghalhekk, l-interess monetarju tal-Istat jigi mxekkel.

**Il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` l-artikolu 49, 50, 18, 293, 294, 310(1)(a), 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ssib lill-imputat ANTHONY DOWLING hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess** u tiddecidi li, f'dawn ic-cirkostanzi, tpoggih taht ordni ta' Ufficjal tal-Probation ghal perjodu massimu ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-ghan li jzomm boghod mill-hajja kriminali u bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u dan taht l-kundizzjonijiet segwenti:

**1. Li l-imputat probationer Anthony Dowling ghandu, matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin, igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser jigi nominat mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull**

**direttivi li l-istess ufficjal jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. Illi l-imputat probationer Anthony Dowling ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa ghandu, jekk l-istess Probation Officer jkun jrid hekk, jircievi zjarat min ghandu fid-dar fejn qed jirrisjedi;**

**3. Illi l-imputat probationer Anthony Dowling ghandu jghix fir-residenza tieghu tul l-perjodu kollu ta' tlett snin u jkun jista jbiddel tali indirizz biss bl-approvazzjoni tal-istess Ufficjal tal-Probation;**

**4. Illi l-imputat probationer Anthony Dowling ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominat kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probationer.**

Il-Qorti spjiegat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza lil imputat probationer u x'jigri jekk jonqos li josservaha u l-imputat probationer iddikjara li fehem ben tajjeb.

**Il-Qorti tordna li din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------